# MARL

# MALTA

## Fuljett maħruġ mill-MARL

## Għad-Dilettanti tar-Radju

## Maltin u Għawdxin

### Numru 25

### April 2008

# Fiċ-Ċentru mhux permess tipjip




## Mill-Editur

Ħbieb,
Nilqagħkom għal ħarġa oħra ta' dan il-fuljett ta' April 2008 li hija l-25 ħarġa ta' din is-sensiela.

F'din il-ħarġa qed inġibulkom ritratti ta' attivita' tad-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili li għaliha kien mistieden il-grupp ta' voluntiera li qed jaħdmu id f'id ma' dan id-dipartiment.

S'issa l-koperazzjoni dejjem kienet fuq taħriġ u nittamaw li ma jkunx hemm ħtieġa ta' l-għajnuna tagħhom f'emerġenza, imma jekk Alla ħares qatt tinqala se jkunu lesti u mħarrġa tajjeb għaliha.

Qed inġibulkom ukoll ritratti ta' **9H1SF** li qiegħed jagħmel unur lilu nnifsu u lill-artna meta flimkien ma min jiżfen qegħdin jiġu l-ewwel jew fl-ewwel postijiet fil-kampjonati tas-żfin.

Steven għandu jkun ta' eżempju għal kulħadd u mhux biss nifirħulu għas-suċċess li diġa' kiseb s'issa, imma nawgurawlu li jkompli jikseb aktar suċċessi aktar 'il quddiem ħalli jkompli jagħmel unur għalih innifsu kif ukoll għall-artna.

Jidher li l-grupp ta' dilettanti tar-radju li qed imorru jaħdmu minn postijiet fuq barra aktarx qed jippjanaw operazzjoni oħra għax-xahar ta' Mejju. Żommu għajnejkom fuq dan il-fuljett għax kif inkunu nafu d-dettalji nħabbruhom ħalli min ikun irid ikun jista' jmur jieħu gost magħhom.

Tinsewx ukoll li dalwaqt nibdew naħsbu biex nagħmlu xi BBQ fiċ-Ċentru tagħna bħal ma għamilna s-sena l-oħra. Kif ikollna d-dettali nagħmluhom fuq dan il-fuljett u ninfurmawkom ukoll b'xi mezzi oħra.

Dominic, **9H1M**, wegħdni li kellu jkompli l-artikoli li kien qiegħed jagħmel qabel dwar is-sigurta' fl-elettriku kif ukoll xi affarijiet oħra. Madankollu, kif tafu ħafna minnkom, l-ewwel jiġi x-xogħol għax dan delizzju u kulħadd irid jara kif jista' jsib xi ftit ħin ħieles biex ikun jista' jipprattika d-delizzju tiegħu u aktar u aktar biex jikteb xi ħaġa għal dan il-fuljett.

Nittama li l-informazzjoni fil-fuljett issibuha siewja għalikom u jekk ikollkom xi artiklu jekk jogħġobkom ħalluh fil-kaxxa tal-**QSL** tiegħi.

**Lawrence**
**9H1AV/9H9MHR**

## Ritratti ta' attivita' fid-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili

Fit-23 ta' Frar 2008 inżammet laqgħa ta' tifkira fiċ-Ċentru tad-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili, ix-Xemxija, San Pawl il-Baħar, li fakkret il-ftuħ ta' l-istess Ċentru.

Għal din il-laqgħa ta' tifkira kienu mistiedna l-membri tal-grupp ta' dilettanti tar-radju li jgħinu lid-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili meta tinqala' l-ħtieġa kif urejna fil-fuljett aktar qabel.

Saret quddiesa li kienet ikkonċelebrata minn Monsinjur Arċisqof flimkien ma qassisin oħra waqt li l-mużika ġiet ipprovduta minn grupp tal-banda.

Fil-quddiesa hadu sehem waqt it-talb membri minn diversi taqsimiet tad-Dipartiment kif ukoll minn **9H1PI** bħala rappreżentant tal-grupp tal-**MARL**. Wara l-quddiesa saret ukoll bibita fejn il-grupp tal-**MARL** kienu wkoll mistiedna.

Il-grupp tal-**MARL** ħadu ħsieb li jarmaw stazzjon tar-radju kif ukoll stazzjon tat-televiżjoni li servew biex juru l-ħidma li dan il-Grupp jagħmel meta jkun qiegħed jaħdem flimkien mad-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili.

Kien hemm ukoll preżentazzjoni fuq monitor minn **9H1M** dwar attivitajiet ta' protezzjoni ċivili f'pajjiżi oħra li serviet ukoll ta' tagħrif dwar hidmiet bħal dawn u kif isiru barra minn Malta.



**9H1SF, 9H1PI, 9H1AA, 9H1VW, 9H1M, 9H1PS**



**9H1SF, 9H1PI, 9H1AA, 9H1VW, 9H1M, 9H1PS, 9H5SN**




**Mons Arċisqof Pawlu Cremona waqt il-quddiesa**




**Mons Arċisqof mal-Kap tad-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili s-Sur Peter Cordina**






**9H1PI jaqra talba** **Mons Arċisqof fuq wara**

**Nittamaw li ħafna aktar dilettanti tar-radju jitħajjru joffru s-servizzz tagħhom aktar 'il quddiem meta l-affarijiet ikunu mxew u nittamaw li jkun hemm grupp f'kull belt u raħal f'Malta li jkunu lesti joffru s-servizz tagħhom jekk tinqala' l-ħtieġa.**

**Lawrence**
**9H1AV / 9H9MHR**

## Pagni ta' l-internet

Dawk kollha li jinteressahom li jkunu jafu kif jinstemgħu sinjali fuq il-VHF meta jkun hemm sporadika, tropo, aurora, meteoriti u metodi ta' propagazzjoni oħra jistgħu jniżżlu numru tajjeb ta' trasmissjonijiet irrekordjati fuq il-**144 MHz** u fuq il-**50 MHz**. Dawn jistgħu jitniżżlu minn fuq il-paġna ta' **PC1T**.

Il-ħolqa tal-**144 Mhz** hija
http://www.vermonden.com/index.php?option=com_content&task=view&id=19&Itemid=33

Il-ħolqa tal-50 MHz hija
http://www.vermonden.com/index.php?option=com_content&task=view&id=22&Itemid=36

Fost dawn it-trasmissjonijiet hemm dawk ta' **9H1GB**, **9H1CG** u **9H1CD** fuq il-**144 MHz**.

M'hemmx dubju li huwa interessanti li tisma leħnek kif ikunu qegħdin jirċevuh in-naħa l-oħra.

Ħolqa oħra mill-aktar interessanti hija dik ta' apparat antik amerikan fejn issibu kotba u ċirkwiti ta' apparat tar-radju u apparat ieħor.

Il-maġġoranza assoluta ta' dawn il-kotba huma **DJVU** li huwa programm bħal ma huwa l-**PDF**. Id-differenza hija li jieħdu inqas spazju, jiġifieri bħala kobor jekk ktieb ikun 1Mb, **DJVU** jkun inqas minn terz u anki inqas.

Minn fuq l-istess paġna ssibu ħolqa minn fejn tistgħu tniżżlu programm biex tkunu tistgħu taraw dawn il-kotba u ċirkwiti. Din il-paġna hija magħrufa bħala The Schematic Bank u l-ħolqa tagħha hija

http://techpreservation.dyndns.org/schematics/manufacturer.htm

Arawhom għax tassew interessanti.

Ħoloq oħra li huma ta' siwi huma dawk ta' l-Awtorita' tal-Komunikazzjoni ta' Malta minn fejn wieħed jista' jniżżel dokumenti li għandhom x'jaqsmu mad-delizzju tagħna.

L-ewwel waħda tinteressa lil visitaturi barranin biex ikunu jistgħu jiksbu licenzja għal 3 xhur. Il-ħolqa minn fejn tista' titniżżel l-applikazzjoni hija
http://www.mca.org.mt/infocentre/openarticle.asp?id=735&pref=31

waqt li l-ħolqa ta' l-applikazzjoni nfisha hija
http://www.mca.org.mt/filesystem/pushdocmgmtfile.asp?id=735&source=3&pin=

Il-ħolqa minn fejn titniżżel l-applikazzjoni għal-liċenzja għaċ-ċittadini Maltin hija
http://www.mca.org.mt/infocentre/openarticle.asp?id=733&pref=31

waqt li l-ħolqa ta' l-applikazzjoni nfisha bil-Malti hija
http://www.mca.org.mt/filesystem/pushdocmgmtfile.asp?id=733&source=3&pin=

u l-ħolqa ta' l-applikazzjoni nfisha bl-Ingliz hija
http://www.mca.org.mt/filesystem/pushdocmgmtfile.asp?id=733&source=4&pin=

Il-ħolqa minn fejn tista' titniżżel formola dwar interferenza lir-radju u televiżjoni hija
http://www.mca.org.mt/infocentre/openarticle.asp?id=741&pref=31

waqt li l-formola nfisha titniżżel minn fuq
http://www.mca.org.mt/filesystem/pushfile.asp?id=741&source=4&pin=

Il-ħolqa tal-paġna minn fejn jista' jitniżżel il-Pjan Nazzjonali tal-Frequenzi li se jinbidel din is-sena hija
http://www.mca.org.mt/infocentre/openarticle.asp?id=516&pref=24

waqt li l-ħolqa tal-pjan innifsu hija
http://www.mca.org.mt/filesystem/pushdocmgmtfile.asp?id=516&source=3&pin=

Nittama li ssibu dawn il-ħoloq interessanti. Jekk ikun hemm xi ħadd li sab xi paġna ta' l-internet interessanti u jkun irid jaqsam l-informazzjoni jista' jħallihomli fil-kaxxa tal-kartolini QSL tiegħi fiċ-Ċentru tal-**MARL**.

**Lawrence**
**9H1AV / 9H9MHR**

## Nifirħu lil Steven Fenech, 9H1SF

Nifirħu lil **Steven Fenech 9H1SF** u lil **Mandy Ghio** li qed jagħmlu unur għalihom infushom u lil Malta fil-Holland Dans Spektakel Championships, l-ikbar kampjonat fid-Dinja għaż-żeffiena fil-wheelchairs.

Huma ġew fil-ħames post fi Klassi 2 fil-Kampjonati tas-Żfin Ballroom u l-ħames fi Klassi 2 fil-Kampjonati Latini Amerikani.





 

Is-sena l-oħra Steven u Mandy kienu rebħu l-Kampjonati Ġermaniżi Miftuħa tas-Żfin bil-Wheelhair fil-Klassiċi Latini Amerikani.

Fi Frar ta' din is-sena huma ġew milquhin b'ċapċip kbir mill-udjenza waqt fil-Kampjonati Kanadiżi tas-Żfin Klassiku Snowball li nżammu ġewwa Vancouver fil-Kanada. Dan barra t-titoli f'kampjonati oħra.

Nawgurawlhom ukoll suċċess fil-Malta Open Dance Spectacular li se jinżammu f'Malta f'Novembru 2008.







Inrodd ħajr lil Pippa Roberts li ġentilment tagħtni permess li nista’ nuża kemm irrid ritratti minn fuq il-paġna ta’ l-internet ta’ l-Assoċjazzjoni li hija http://www.maltawda.com/ kif ukoll bagħtet din l-informazzjoni li tinsab hawn taħt għall-Fuljett tagħna.

Inroddilha ħajr anki tal-kitba li tidher hawn taħt li jiena editjajt.

## Żfin bis-siġġu tar-roti

Is-żfin bis-siġġu tar-roti huwa sport u arti li jintegra għal kollox u għalhekk il-persuna li m'għandhiex diżabilita' tagħraf lil dak li juża s-siġġu tar-roti bħala persuna aktar milli persuna b'diżabilita'.

Il-ħsieb ħażin li xi persuni b'diżabilita' huma wkoll limitati fil-ħiliet mentali malajr jitneħħa, hekk li ħafna nies jiġu edukati. Wara kollox ma hemm l-ebda persuna li m'għandhiex xi xorta ta' diżabilita, eż, mistħija.

Is-żfin bis-siggu tar-roti jgħallem ukoll li ż-żeffien/a tas-siggu tar-roti u/jew dak li jgħinu kif jużaw is-siġġu tar-roti aħjar. Sikwit billi jaraw żeffiena oħrajn jagħmlu aktar bis-siġġu tar-roti tagħhom jinkuraġġihom li jsiru aktar indipendenti u jippruvaw movimenti oħra. Bħal ma żeffiena li m'għandhomx diżabilita' jippruvaw jikkuppjaw lil sħabhom.

Is-żfin bis-siġġu tar-roti iddaħħal f'Malta fl-1999. F'partijiet oħra tad-dinja ilu jiġi pprattikat aktar minn 20 sena. L-Assoċjazzjoni ġiet iffurmata f'Malta fl-2001. L-għanijiet tagħha huma li tgħallem lin-nies fis-siġġu tar-roti jiżfnu fil-forma bħal nies li m'għandhomx diżabilita' u joħolqu integrazzjoni bis-żfin.

Għal għanijiet ta' kompetizzjoni hemm żewġ forom: Combi (persuna waħda fuq is-siġġu tar-roti ma sieħeb/ba bil-wieqfa) u Duo (iż-żewġ żeffiena f'siġġu tar-roti).

Il-**MWDA** tagħmel kompetizzjoni Internazzjonali, l-Ispettaklu Miftuh tas-Żfin ta' Malta, kull sentejn. Il-kompetizzjoni tintegra żfin ta' nies b'saħħithom mas-żfin tas-siġġu tar-roti. L-ispettaklu ta' żfin se jinżamm fid-29/30 ta' Novembru, 2008.

Għal dawk li jużaw is-siġġu tar-roti hemm ħafna benefiċċji. L-ewwel huwa li huma jistgħu jesprimu kif jinħass iż-żfin li jaħrab lil dak li jkun u m'għandu x'jaqsam xejn mas-saqajn imma huwa aktar fil-persuna.

It-tieni huma jitgħallmu jużaw is-siġġu tar-roti aħjar li jgħinhom fil-ħajja ta' kuljum kif ukoll meta huma jiżfnu.

Bħal nies li m'għandhomx diżabilita' mhux kollha huma tajbin, imma l-aktar parti mportanti huwa s-sehem speċjalment fuq livell soċjali. B'dan il-ħsieb hemm żfin magħruf bħala żfin line u żfin waħidhom li jistgħu jintużaw fuq livell soċjali. F'Malta nippruvaw inżommu fil-linja ta' żfin line minn dawk li m'għandhomx diżabilita eċċ., biex l-integrazzjoni tkun l-aktar.

Għal aktar informazzjoni jekk jogħoġobkom żuru l-paġna ta' l-internet ta' l-assoċjazzjoni www.maltawda.com

# Aħbarijiet

## 500 kHz

Aħbar dwar din il-frekwenza hija li fit-13 ta' April Mal, **G3KEV** irnexxilu jaħdem ma **RW3ADB**, kemm fuq is-**ĊW** kif ukoll fuq **QRS3**. Mal kien fuq **502.6 kHz** waqt li **RW3ADB** kien fuq is-**7 MHz**.

Jekk hemm min irid jipprova jkellem lil Mal jissemma fuq il-**500 kHz** waqt li Mal sikwit jissemma fuq **7.033 MHz**.

Hemm stazzjonijiet oħra li qed jagħmlu l-istess, jiġifieri jittrasmettu fuq il-**500 kHz** waqt li jissemmgħu fuq frekwenzi oħra. Tinsewx li aktar informazzjoni ssibuha wkoll fuq il-paġna ta' l-internet http://www.500kc.com

Infakkrukom ukoll li Rik Strobbe, **ON7YD**, qiegħed jaħdem fuq il-**500 kHz.** Temporanjament qieghed fuq **503.1 kHz** b'madwar **0.5W ERP**, imma kellu jtella s-saħħa għal madwar **3W ERP** u jirranġa biex ikun jista' joħroġ bejn **501-504 kHz**. In-nominattiv li juża għal dawn l-esperimenti huwa **OR7T**.

Rik diġa' ħadem numru ta' stazzjonijiet fir-Renju Magħqud (**G**, **GW**, **GI** u **GM**) waqt li rċieva rapporti minn **PA**, **F**, **DL**, **G**, **SP**, **OK**, **SM** u **OH** bl-iktar bogħod ikun ta' 1680 km.

Stazzjonijiet Belġjani li għandhom liċenzja A kollha jistgħu jużaw il-**500 kHz** bejn **501-504 kHz** b'saħħa ta' **5 W ERP CW** u **QRSS**.

L-Amerikani qed jużaw ukoll **SSB**.

U Aħna?

**Lawrence**
**9H1AV / 9H9MHR**

## Informazzjoni

Għandna aħbar tajba għall-membri kollha tal-**MARL**.

Xi ftittaż-żmien ilu il-**MARL** kienet talbet lill-**IARU** biex jekk jista' jkun ningħataw transriċevitur bħala donazzjoni. Wara li l-**IARU**, anzi l-**Kumitat Eżekuttiv tar-Reġjun 1** kien ikkonsidra t-talba tal-**MARL** sabu li l-**International Amateur Radio Club** ġewwa **Geneva fl-Isvizzera** kellu transriċevitur li seta' jingħata lilna.

Il-Ħabib tagħna **Hans**, **DF5UG** kien irranġa biex dan it-transriċevitur jittieħed lejn **Friedrichshafen** fil-**Ġermanja** mill-**Isvizzera** bit-tama li jkun hemm xi ħadd minn Malta li jkun jista' jġibu miegħu, imma ma kien hemm ħadd.

Kienu qed isiru arranġamenti oħra u minħabba ċerti ċirkostanzi u diffikulatjiet dan it-transriċevitur konna se nitilfuh, imma issa għandna l-aħbar li **Hans** se jkun jista' jġibu miegħu meta' jiġi għal btala **f'Malta**.

M'hemm dubju li dan it-transriċevitur se jsib użu tajjeb fiċ-Ċentru tagħna u jidħol tajjeb fil-pjani li għandna għall-ġejjieni.

Inroddu ħajr kemm lill-**Kumitat Eżekuttiv tar-Reġjun 1** tal-**IARU** kif ukoll lil-**Hans**, **DF5UG** li permezz tiegħu se jasal dan it-transriċevitur

Lawrence
9H1AV / 9H9MHR

## Attivitajiet

### Fiera tar-Rebbiegħa fil-Ġnien ta' San Anton

Il-MARL se terġa' tieħu sehem fil-Fiera tar-Rebbiegħa Organizzata mis-Soċjeta' Ħortikulturali Maltija li ssir fil-Ġonna ta' San Anton. Din il-fiera se tinżamm nhar is-Sibt 3 u l-Ħadd 4 ta' Mejju. Min irid jieħu sehem jinforma lis-Segretarju kemm jista' jkun malajr ħalli jsiru l-arranġamenti meħtieġa.

Tinsewx li jekk jista' jkun tieħdu wkoll xi apparat magħkom u tajjeb li dejjem tieħdu wkoll apparat ta' l-idejn ħalli jekk ikollkom ħtieġa tikkomunikaw ma xulxin tkunu tistgħu. Ma tagħtuux impressjoni tajba jekk biex tkellmu lil xulxin ikollkom toqgħodu tgħajjtu minflok tużaw apparat tal-komunikazzjoni.

### Fiera tar-Rebbiegħa fil-Ġnien tal-Mistrieħ

Il-Ħadd 4 ta' Mejju se jkun hemm fiera oħra fil-Ġnien tal-Mistrieħ li jiġi fuq is-Sur tal-Pieta' fil-Floriana. Minn dan il-ġnien li huwa tas-seklu 19 u li fih hemm ħafna monumenti neoklassiċi hemm veduta mill-isbaħ tal-Port ta' Marsamxett.

Biex wieħed jasal għal dan il-ġnien irid jinżel minn Triq l-Assedju 'l Kbir il-Floriana minn hdejn il-Librerija Nazzjonali f'Belt is-Sebħ, idur lejn ix-xellug, u jerġa' jdur lejn ix-xellug ħdejn il-Lukanda Excelsior.

Din il-fiera li hija organizzata minn Din l-Art Ħelwa se ssir bejn l-10 ta' filgħodu u t-3 ta' wara Nofs in-Nhar. Id-dħul huwa b'xejn u jkun hemm bejgħ ta' ikel, kotba u affarijiet oħra. Id-dħul imur għaż-żamma ta' dan il-ġnien.

Il-Mużew ta' dan il-ġnien ikun miftuh nhar ta' Tlieta, il-Ħamis u s-Sibt bejn id-9.30 ta' filgħodu u 12.00.

Tkun idea tajba jekk ikun hemm biżżejjed dilettanti tar-radju li jkunu jistgħu jmorru jaħdmu minn hemmhekk b'kollaborazzjoni ma' Din l-Art Ħelwa u fl-istess ħin tkun ħarġa għall-familja tagħhom. Il-ħin m'huwiex daqstant twil u nħeġġukom biex tmorru taħdmu wkoll minn dan il-ġnien.

Jekk hemm xi ħadd li jrid imur jikkuntattjana ħalli aħna naraw kif inkunu nistgħu nagħmlu l-arranġamenti ma' Din l-Art Ħelwa speċjalment jekk ikollkom ħtieġa ta' vultaġġ ta' 220/240V jekk ma jkollkomx ġeneratur.

Nissuġġerixxi li min imur jieħu miegħu apparat ta' l-id kif issuġġerejt aktar 'il fuq ħalli mhux biss ikun jista' jikkomunika permezz ta' l-internet imma anki ma' l-istazzjon l-ieħor li jkun fil-Ġnien ta' San Anton.

Żewġ fieri bħal dawn m'hemmx dubju li jservu ta' reklam tajjeb għall-MARL u d-delizzju tar-radju f'Malta.

Dawn huma okkażjonijiet tajba għal dawk kollha li jħobbu jmorru jaħdmu minn xi mkien barra mid-dar tagħhom u fl-istess ħin joħorġu lill-familja f'ambjent sabiħ u ta' serħan.

**Lawrence**
**9H1AV, 9H9MHR**